**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 10 ta' April 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 443 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 16**

**CB**

**Vs**

**DS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' CB datat 12 ta' Settembru 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi huwa zzewweg lill-intimata DS nhar is-sebgha ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (07/09/2010) fil-Kappella Sacred Heart of Jesus, il-Mosta, liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru elf hames mija u tmienja u ghoxrin zbarra elfejn u ghaxra (1528/2010) kif iccertifikat mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat minn Nutar Dottor Katya Bezzina tat-tnax ta' Dicembru tas-sena elfejn u tlettax (12/12/2013) li kopja tieghu tinsab hawn unita u mmarkata Dok. "B".*

4. *Illi ma hemm ebda manteniment dovut mir-rikorrenti lill-intimata u lanqas hemm manteniment dovut mill-intimata lir-rikorrenti stante illi l-partijiet iddekadew mid-dritt taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin;*

5. *Illi ir-rikorrent minn dejjem kellu u ghad ghandu residenza ordinarja tieghu f'Malta;*

6. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin ghal hdax-il sena u llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

7. *Illi ghaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet CB u DS, u ghalhekk ir-rikorrenti CB jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti, joghgobha:*

    I. *TIDDIKJARA li z-zwieg tar-rikorrenti ccelebrat ma' DS nhar is-sebgha ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (07/09/2010) fil-Kappella Sacred Heart of Jesus, il-Mosta, liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru elf hames mija u tmienja u ghoxrin zbarra elfejn u ghaxra (1528/2010) hu mahlul, u li ghalhekk l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi;*

    II. *TORDNA lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat ir-risposta ta' DS datata 14 ta' Ottubru 2024, a fol 15, li taqra hekk:

> *Li permezz tiddikjara li hija mhux qed topponi ghat-talbiet tal-attur, salv illi kull parti tbaghti l-ispejjez taghha. L-esponenti qed tannetti ma' din ir-risposta l-affidavit taghha a konferma ta' dan.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** permezz tal-affidavit **(a fol 11)** illi il-kontendenti izzewgu nhar is-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010). Minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied. Xehed illi il-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar it- tnax (12) ta' Dicembru elfejn u tlettax (2013) fl-atti tan-Nutar Dr Katya Bezzina. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata** xehdet permezz tal-affidavit (**a fol 16**) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data***

***li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-sebgha (7) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) liema zwieg jgib certifikat numru 1795/2010 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Katya Bezzina nhar it-12 ta' Dicembru 2013 (Vide Dok B fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1795/2010 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Nicole Caruana**
**Deputat Registratur**